**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 ta' April, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**-vs-**
**Charles Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita`numru 2074M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 541/2016*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Charles Spiteri u ċioè talli:

Nhar id-9 ta' Mejju, 2015, ghall-habta tas-1:30pm gewwa il-fabbrika Dolphin Industrial Services Ltd u/jew id-DIS Group of Companies u/jew tas-socjetajiet sussidjarji taghha, gewwa il-Qasam Industrijali ta' Kordin, Paola:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' Dolphin Industrial Services Ltd u/jew id-DIS Group of Companies u/jew tas-socjetajiet sussidarji taghha u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita` w/jew entitajiet ohra;

Talli nhar is-6 ta' Mejju, 2015, u/jew fix-xhur ta' qabel, minn gewwa l-istess fabbrika Dolphin Industrial Services Ltd u/jew d-DIS Group of Companies u/jew tas-socjetajiet sussidarji taghha, gewwa il-Qasam Industrijali ta' Kordin, Paola:

2. Ikkommetta serq ta' ghadd t'oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' Dolphin Industrial Services Ltd u/jew id-DIS Group of Companies u/jew tas-socjetajiet sussidarji taghha u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita` w/jew entitajiet ohra;

3. Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' apparat u/jew aperturi u/jew oggetti ohra, liema ammont tal-hsara huwa izjed min elfejn u hames mitt (€2,500), u li saret ghad-dannu ta' Dolphin Industrial Services Ltd u/jew id-DIS Group of Companies u/jew tas-socjetajiet sussidarji taghha u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita` w/jew entitajiet ohra.

4. Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-3 ta' Mejju, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 41(1)(a); 261(b) u (c); 263; 264; 265; 266; 267; 278; 279(b) u 280 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 261(b) u (c); 263; 264; 265; 266; 267; 278; 279(b) u 280 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

[1] Fol.136

Ikkunsidrat:
Illi l-**Ispettur Spiridione Zammit** xehed dak li rrizultalu mill-investigazzjonijiet li saru mill-pulizija wara li gie infurmat li sidien ta' fabbrika fil-qasam industrijali ta' Kordin qabdu persuna gewwa l-fabbrika taghhom. Fi tfittxija li saret f'vettura li tappartjeni lil Louis Farrugia instabu pistol bil-magazine barra u shotgun.[2] Kompla *"Jiena kont inzilt fuq il-post fuq din il-fabbrika li ghadni kemm insemmi. Kienet instabet boiler suit mall-art, turnavit, boots b'xi demm fuqu kif ukoll injama mall-art fejn il-fabbrika u d-demm kien il-maggor parti tieghu kien qieghed fejn il-gate ta' din il-fabbrika, jigifieri jidher li wara li weggha qghad u d-demm baqa jqattar mall-art, u l-katnazz li ghadni kemm insemmi kif ukoll ic-cavetta kienu fuq it-tieqa fuq il-hogor tat-tieqa fejn il-fabbrika".*[3] In kontro-ezami jghid li Farrugia qatt m'ammetta mieghu li spara *warning shot* izda li kellu arma tan-nar f'idejh.[4]

Illi l-**Ispettur Joseph Mercieca** ddeskriva dak li rrizulta mill-investigazzjonijiet tieghu nhar id-9 ta' Mejju, 2015. Inghad kif qabel ma ttiehed l-isptar l-imputat allega li waqt l-incident xi hadd kien spara izda l-investigazzjonijiet ma kkoroborawx dan.[5]. Mercieca jghid li l-parti leza rrakontaw kif Spiteri kien qalilhom li kien lest li jurihom fejn kienu l-affarijiet dment li ma jdahhlux lill-pulizija fl-istorja; fatt ikkonfermat fil-Current Incident Report.[6] Dwar it-tornavit jghid li nstab f'basket[7] – izda ma ngabet l-ebda prova dwar fejn instab u x'kien fih dan il-basket ghalkemm l-unika stampa tat-tornavit kienet tieghu mal-art. Fil-fatt lanqas il-CIR u r-relazzjoni tas-*scene of crime officers* meta jindikaw id-diversi oggetti li nstabu fuq ix-xena ma jaghmlu riferenza ghal xi basket,[8] u kollox jindika li t-tornavit kien mal-art hekk kif instab mis-*scene of crime officers* u mhux fil-basket kif xehed Mercieca.

Ikompli *"Minn dawra li konna ghamilna mall-fabbrika mkien ma kien instab xi sgass pero jidher li l-katnazz li kien jaghlaq il-bieb ta' wara minn fejn allegatament dahal l-imputat kien gie mibdul u c-cavetta kienet ghadha fl-istess*

---

[2] Fol.129
[3] Fol.129
[4] Fol.236
[5] Fol.182-183
[6] Fol.88
[7] Fol.183
[8] Fol.80

*katnazz. Ukoll il-fabbrika kienet minghajr provista tal-elettriku dik il-habta, u dan jispjega l-fatt illi min kien imur fil-fabbrika setgha jaghmel hekk biss matul il-gurnata peress illi biex iqaxxar il-cables il-kwantita' ta' qxir ta' cables li kien hemm bilfors li dan ix-xoghol setgha jsir matul il-gurnata peress li ma kien hemm ebda' gharmar iehor ta' dwal."*[9] L-ispettur irrakonta kif meta kellem lill-imputat l-ewwel darba f'Mater Dei, dan kien stqarr mieghu li kien fi triqtu lejn il-Pjazza ta' Rahal il-Gdid biex jiehu sehem fic-celebrazzjonijiet tar-rebh tal-kampjonat mill-Hibs, sema' krib gej mill-fabbrika u mar jara x'kien gara. Madanakollu fl-istqarrija tieghu Spiteri jispicca jaghti verzjoni kompletament differenti[10] filwaqt li l-ispettur jirrimarka li c-celebrazzjonijiet tar-rebh tal-kampjonat kellhom isiru dakinhar filghaxija!

Illi meta gie interrogat l-imputat spjega li wara li ltaqa' ma siehbu hdejn id-Detox, niezel mieghu sa Ras Hanzir u baqa' tiela bil-mixi biex ikellem persuna li kien qed jahdem fuq film Kordin. Kif kien ghaddej minn hdejn il-fabbrika derubata sema pjanca taqa' u persuna tghajjat. Nizel minn mal-genb tal-gate san-naha t'isfel tal-fabbrika – li mir-ritratti jidher li hu accessibbli peress li l-hajt tul ir-rampa ml-genb tal-kancell hu ferm baxx[11] ghalkemm hu ferm ovvju mill-istess ritratti li s-sit kien milqugh b'kancell gholi li qed jaghlaq l-access liberu! Qal li f'idejh kellu basket li kien fih kazzola, flawt *("trowel")*u lunch box li hallieh fuq tankijiet barra. Spiteri jzid li ghajjat biex jara kienx hemm xi hadd u xhin ma ha l-ebda risposta dar l-fuq biex jitla' r-rampa l-barra izda fid-daqqa w l-hinn sema' arma tigi kkargata u hekk kif dahar ra pistola f'idejn ragel li qallu ma jiccaqlaqx. Staqsieh x'kien qed jaghmel hemm u spjegalu x'kien sema'. Kien hemm zewgt irgiel li kienu rrabjati u hekk kif rawh ser jerga' jiehu l-basket jaf li qala' daqqa t'injama. Cahad li kien hareg turnavit ghalihom meta jinsisti *"Fil-baskett fil-fatt kellhi turnavit"*.

Mir-ritratti esebiti jidher li t-tornavit nstab mal-art u ghalhekk galadarba ma nstab l-ebda basket fuq ix-xena, minn fejn gie dan it-tornavit?[12] Inoltre` Spiteri jkompli jdahhal lilu nnifsu fi sqaq meta jghid li qabel ma safa' aggredit ma kienx lahaq ha l-basket – dan hu l-istess basket li kien ghadu kemm semma' li fih kien hemm it-tornavit![13] Ghalhekk kif seta'

---

[9] Fol.183-184

[10] Fol.184

[11] Fol.58, 61, 66 u 67

[12] Fol.63

[13] Fol.21

jinstab mal-art it-tornavit jekk il-basket bit-tornavit go fih, ma kienx lahaq hadu Spiteri?

Spiteri imbghad jaghmel cahda kategorika ohra li mhix komfortata mill-fatti meta jichad li kien liebes xi boiler suit, *"Jien bl-istess hwejjeg li mort id-detox kont. Flokk tac-cingi kont liebes…"*.[14] Ritratti esebiti juru cjar li wara l-grada instabet boiler suit li kienet mcappsa bid-dmija.[15] L-imputat kompla jichad li qatt dahal gewwa l-fabbrika msemmija *"Jien qatt ma naf li dhalt hemm"*[16] ghalkemm ma PS Ellul jammetti li dahal biex jara x'kien gara wara li sema' xi hadd li wegga.[17] L-imputat jinnega li hu kien ghamel cavetta li biha seta' jiftah bieb li allegatament acceda l-fabbrika minnu, hekk kif anke nnega li kien ibiegh metal. Ma ftakarx li meta gie mitkellem l-ewwel darba l-isptar kien spjega lill-ispettur investigattiv li kien qallu li kien fi triqtu jiccelebra r-rebh tal-kampjonat mill-Hibs *"jista' jkun ghax meta operawni bdejt nohlom li kont qed nixrob il-birra x'imkien"*.[18] Mistoqsi dwar serqa li giet rapportata tlett ijiem qabel, insista li meta niezel ir-rampa tal-fabbrika ra bieb zghir imbexxaq u sejjah biex jara weggax xi hadd, u kif ma wiegeb hadd ipprova jittawwal minn tieqa izda kif kien ser idur biex johrog mill-fabbrika sema l-ikargar tal-pistola. Insista li dakinhar kull ma ghamel kien li xiref mill-bieb u li fil-fabbrika qatt ma dahal -*"fil-fabbrika <u>gewwa</u> qatt ma dhalt jien"*[19] - ghalkemm dan jigi <u>kontradett minn xhieda okulari</u>.

Illi **PS1257 Conrad Ellul**, wara li kkonferma l-**Current Incident Report**[20] maghmul minnu, spjega kif kien mar fuq il-post fejn kien allegat li persuna nqabdet tisraq. Sab lis-sid il-fabbrika, Daniel Farrugia, ma missieru Louis u ragel b'wiccu kollu <u>dmijja</u>. Dawn spjegawlu kif bdew jinnutaw serqiet mill-fabbrika u ddecidew li jaghmlu ghassa. Dakinhar tad-9 ta' Mejju, 2015, semghu bieb zghir li qieghed fuq in-naha ta' wara tal-fabbrika jinfetah u stahbew fejn raw ragel liebes <u>boiler suit</u> diehel izda mill-ewwel Daniel hareg ghalih u staqsieh x'kien qed jaghmel hemm. Dan qallu li sema' xi hadd li wegga' izda Daniel rrimarka li ma jistax ikun peress li l-fabbrika kienet maghluqa minghajr nies. Qalulu li l-

---

[14] *Ibid.*
[15] Fol.67, 6878-79
[16] Fol.22
[17] Fol.83
[18] Fol.22
[19] Ibid.
[20] **Dok.CE** a fol.87 *et seq.*

malvivent *"Beda hiereg il'barra. Kif spicca barra gol-bitha tal-fabbrika dan harab jigri lejn ir-rampa tal-fabbrika u Daniel telaq jigri warajh. Daniel ikkonfermali wkoll li waqt li kienu tilghin it-telgha, hin minnhom dan ir-ragel waqaf u ppuntalhom turnavit. Daniel kellu njama u ddefenda ruhu, u b'xi mod intlaqat go rasu dan ir-ragel. Ir-ragel in kwistjoni wara rrizulta li kien certu Charlie Spiteri. ..... U tlajt inkellmu l-Isptar Mater Dei minhabba li giet xi abbulanza u haditu lejn l-isptar minhabba xi griehi li kien garrab. Meta staqsejtu x'kien gara qalli jien kont ghaddej minn hdejn dik il-fabbrika, smajt xi nies jokorbu, dhalt fil-bitha tal-istess fabbrika, qalli sibt dan il-bieb miftuh, qalli dhalt gewwa biex nara x'gara qalli u fid-daqqa u l-hin hargu tnejn minn nies. Qalli wiehed minnhom kelllu arma f'idu, qalli faqqaha u spara tir. Qalli meta saqsejtu jekk it-tir giex sparat lejh qalli ma nistax nghid qalli ghax minhabba l-fatt li kif rajt dawn it-tnejn minn nies qalli jien kont diga' dort dahri lejhom u t-tir ma nafx fejn, liema direzzjoni gie sparat. Qalli jien hrabt nigri, qalli wiehed minnhom kellu njama, lahaqni, qalli u taghni xebgha biha."*[21] PS Ellul kkonferma li kien hemm katnazz li jsakkar il-bieb ta' wara b'cavetta li kienet gdida ghada go fih.[22] Ikkonferma wkoll li t-tornavit nstab mal-art.[23]

Ellul jikkonferma li meta kellem lil Spiteri l-isptar dan kien migugh izda f'sikktu w infurmah li meta gie aggredit xi hadd spara tir.[24] Spjega li giet mwaqqfa vettura b'persuni Taljani fiha peress li meta raw vettura tal-RIU gejja u lil Daniel u missieru jigru wara Spiteri, dawn kienu rriversjaw u b'hekk nibet is-suspett fihom; izda mitkellma l-ghada rrizulta li ma kellhom l-ebda konnessjoni mas-serqa.[25]

Illi **PS1314 Raymond Ambrogio** xehed li fis-6 ta'Mejju, 2015, sar rapport li fabbrika nsterqet u nstabu diversi oggetti misruqin elenkati fir-rapport kkonfermat minnu.[26] Ikkonferma li kien l-ewwel ufficjal li wasal fuq il-post meta giet raportata s-serqa fis-6 ta' Mejju, 2015.[27] Id-dhul kien sar minn fuq in-naha ta' wara u dan wara li wiehed jinzel go nizla.[28] Ghandu jinghad izda li ghalkemm ir-rapport imsemmi ma jaghmel ebda riferenza

[21] Fol.83-84
[22] Fol.84
[23] Fol.85
[24] Fol.220-222
[25] Fol.223
[26] Fol.90. Vide **Current Incident Report Dok. RA** a fol.93 *et seq.*
[27] Fol.232
[28] Fol.233

ghal kif sar id-dhul, is-*scene of crime officers* irrelataw li ghalkemm sgass ma kienx hemm, il-bieb ta' wara tal-fabbrika kien miftuh.[29]
Illi **PS404 Paul Camilleri** esebixxa faxxikolu ritratti li juru kjarament kif seta' jinkiseb access ghall-fabbrika mill-genb tal-kancell.. L-istess ritratti juru d-diversi oggetti li nstabu fuq il-post, fosthom it-tornavit, rubber boots, boiler suit u kalzetti kif ukoll ticpis ta' lewn hamrani kemm fuq il-post innifsu kif ukoll fuq boiler suit. Jidher cjar il-bieb u katnazz b'cavetta. Il-bieb[30] ghalkemm hafna izghar mill-bibien l-ohra[31] jinfetah b'zewg bibien li jippermetti li minnu jinhargu bla xkiel oggetti mdaqqsa. Il-fatt li l-katnazz b'cavetta li kien jaghlaq dak il-bieb instab fuq hogor ta' tieqa fuq in-naha ta' gewwa tal-bieb jindika li l-malvivent/i acceda l-fabbrika minn dak il-bieb u poggieh fuq il-hogor tat-tieqa wara li dahal.[32] Kif intqal mir-ritratti esebiti minn imkien ma jirrizulta li nstab xi basket bil-flawt (*"trowel"*) u l-kazzola li jsemmi l-imputat fl-istqarrija tieghu. Din ir-relazzjoni giet kkonfernata ukoll minn **PC1331 Darren Debattista**.[33]

Illi **PS644 Evan Camilleri** u **PC1362 Jonas Schembri** esebew u kkonfermaw r-relazzjoni taghhom dwar serqa rraportata fis-6 ta' Mejju, 2015.[34] Fost osservazzjonijiet li ghamlu fuq ix-xena, indikaw li kienet instabet sikkina li rrizultat estraneja ghal fond.[35] Mir-ritratti esebiti jidhru numru ta' wires/cables maqtughin. Fir-relazzjoni minn taghhom is-*scene of crime officers* **spjegaw li ma kienx hemm sgass izda l-bieb ta' wara tal-fabbrika kien miftuh**. Gie nnutat ukoll bicciet tal-plastic f'sink probabilment qratas bi trab abjad[36] izda dwar din is-sejba ma jidher li ma saret l-ebda investigazzjoni ulterjuri.

Illi l-espert **John Sacco** kkonferma r-relazzjoni tieghu minn fejn gie kkonstat li l-valur tar-*res furtiva* kien ta' €63,150 u l-hsara ta' madwar €1,150.[37] Irrizulta wkoll li meta fis-6 ta' Mejju, 2015, Daniel Farrugia pprova jaccedi gewwa l-fabbrika mill-bieb iz-zghir li ga saret riferenza

---

[29] Fol.106B
[30] Fol.69
[31] Fol.68
[32] Fol.70
[33] Fol.107-108
[34] Fol.102-103. Relazzjoni **Dok. CS** a fol.105.
[35] Fol. 79
[36] **Dok.CS3** a fol.106B.
[37] **Dok.JS** a fol.151-152

ghalih, ic-cavetta ma daritx u l-bieb kien imbexxaq.[38] Mir-ritratti esebiti fir-relazzjoni ta' Sacco, jidher cjar l-istat li giet ridotta l-fabbrika; xeni riflessi anke fir-relazzjoni tas-*scene of crime officers*, **Dok. CS**,[39] fejn hu manifestat kif giet zarmata l-fabbrika sahansitra anke mill-pummijiet tal-bibien tal-ufficini taghha. Mix-xhieda tal-propjetarji jirrizulta biss meta giet nnutata s-serqa u cioe` fis-6 ta' Mejju, 2015, peress li l-ahhar darba li Daniel kien ra l-post intatt kien xi 3 gimghat jew xahar qabel.[40]

Illi **PC190 Jesmond Farrugia**[41] u **PC606 Joseph Ellul**[42] spjegaw kif kienu waqqfu vettura b'xi Taljani li minn tfittxija kien irrizulta biss li kellhom xi bramel. In kontro-ezami jispecifika li kellhom biss affarijiet relatati ma' plastering[43] *"bramel tat-tikhil, xkejjer tal-kolla tas-siment"*.[44]

Illi **Daniel Farrugia**, direttur ta' DIS Group, spjega kif gimgha qabel ma kien sehh l-incident mal-imputat kien mar fil-fabbrika tieghu u sab il-bieb ta' wara tal-fabbrika miftuh u rrizulta li kien safa' misruq. Gara l-istess xi jumejn wara fejn l-ammont misruq kien akbar,[45] u hemmhekk gie mifthiem li ssir ghassa barra izda kif raw li ma kien hemm l-ebda moviment gie deciz li jaghmlu ghassa fuq gewwa. Iddecidew jissakkru gewwa *"U qaghdna ghassa gewwa ghax it-tip ta' serq ma kienx qed isir bi sgass jew, xi haga li qas ahna ma stajna nifmuha. Ghaddew tliet kwarti waqt li ahna qeghdin gewwa ahna u nisimghu l-bieb jinfetah…. U dan il-persuna dahal konna qeghdin isfel fil-Fabbrika, il-Fabbrika hija hames sulari u litteralment dan dahal bic-cavetta. Lil missieri ghidtlu ieqaf diehel xi hadd. U stennejnih. Dan litteralment baqa' diehel bic-cavetta b' kunfidenza li kien imdorri ghax fil-fatt it-tip ta' serq anke bdew jaqalghu il-cables tad-dawl, iqaxxruhom fuq il-post mhux oggett, imwejjed. Ghax din il-fabbrika kienet maghluqa for few months u litteralment qalha kollox dan. Qalghu s-servers, is-serq 'il fuq minn sebghin elf euro hsara li ghalih ma nafx kemm gabar, imma ghalina swew is-server, il-magni u l-affarijiet …. Serq qalha l-bozoz tal-stainless steel kollha, il-handles tal-pum tal-stainless steel, poggamani tal-hgieg qalha kollox, qas nghidlek. Il-cables tad-dawl u l-main switches, plasma tiswa €30,000 hadha, hadilha l-*

38 Fol.151
39 Fol.105
40 Fol.151
41 Fol.124
42 Fol.126
43 Fol.243
44 Fol.245
45 Fol.113

*Computer kollu. …* ***X' hin rani baqa' diehel qisu xi 20 metru gol-fabbrika baqa' diehel sa nofs il-fabbrika ghax il-fabbrika fiha 'l fuq minn 50 metru, baqa' relax. Jien bqajt skantat kemm hu relax….. Mela x' hin dhalna rana u baqa' diehel gol-Fabbrika.*** *Qalilna waqghulkom in-nies. Lil missieri ghidtlu ieqaf ghidtlu ghax mhux veru ma waqa' hadd. M' ghandiex lavranti hawn, il-Fabbrika maghluqa ssigillata minn kullimkien ghidtlu tista' tghidli kif dhalt jien. Qalli ejja ha nurikom. U hareg jigri 'l barra."*[46]

Ix-xhud jaghmel osservazzjoni f'waqtha meta jikkontendi li l-ispjegazzjoni tal-imputat ma taghmel ebda sens u ghalhekk hi inveritjiera: *"Dan hemm triq fuq u triq isfel.* ***It-triq isfel hija privata li hija taghna. Biex tidhol mill-bieb ta' isfel trid taqbez kancell li fih 3 metri, timxi 70 metru u ddur n-naha l-ohra*** *….Jigi fuq in-naha t' isfel tal-fabbrika jigifieri ma setax jghid ghax kien hemm in-nies, ghax jekk sema' n-nies fuq ma kellux ghalfejn jinzel isfel in the first place. U x' hin hrigna qalli waqghu dik in-naha u gibed in-naha l-ohra."*[47] Ghalkemm kif gie osservat aktar qabel mhux bilfors li l-kancell kellu jinqabez peress li min-naha wahda kull ma hemm cint pjuttost baxx, jibqa' l-fatt li **biex Spiteri sema' lehen ta' xi hadd, dan kien diga` fi propjeta` privata, u bil-bosta tenut kont li l-bieb ta' wara jinsab hafna l-isfel mill-kancell imsemmi**!

Farrugia ddeskriva kif malli qal lill-missieru biex icempel lill-pulizija, l-imputat hareg tornavit ahmar mill-boiler suit. Semma' wkoll kif **l-imputat kien liebes boiler suit u kellu safety shoes**.[48] Spiteri aggredieh zida hu li kellu serratizz u bih iddefenda lilu nnifsu, u *"Baqa' jitkaxkar, jitkaxkar minn isfel 70 metru, 70 metru biex johrog barra mill-premises li* ***spicca neza' l-boiler suit gos-site taghna, it-tornavit kollu hemm biz-zarbun neza' litteralment*** *u baqa' jitkaxkar sa kemm jaqbez il-fabbrika biex jigi f' art pubblika."*[49] Farrugia jsostni li bilfors li l-imputat akkwista cavetta peress li ma kienx hemm sgass, filwaqt li sahaq li ma gie rkuprat xejn mir-*res furtiva*.[50]

In kontro-ezami spjega kif meta ntebah bl-ewwel serqa sab bieb miftuh minghajr sgass.[51] *"Imbaghad ergajna morna kien la naf Wednesday or*

---

[46] Fol.114-116
[47] Fol.116
[48] *Safety shoes* jidhru a fol.62
[49] Fol.117
[50] Fol.119
[51] Fol.199

*Thursday u rrizulta li nsterqu ammont t'affarijiet ohra li sahansitra kien hemm ir-railings tal-istainless steel maqlughin, il-handles tal-bibien maqlughin, il-bozoz tal-istainless steel maqlughin kollha, u kollha preparati hdejn il-bieb ta' barra bl-imwejjed b'kollox tal-ufficini….. ma nbidel ebda' katnazz… Ghax ma kien hemm l'ebda sgass izda l'bieb li sibna miftuh imbarrajnieh u hrigna minn bibien ohra ghax hemm diversi bibien minn fejn tohrog."*.[52] Spjega li *"Hassejnieha gejja tidher bic-car, mela inti ghandek l-ewwel inkjesta li kien Monday u ma kien hemm l'ebda' sgass, ghalaqna l-bibien u ssigillajna bieb bl-istruttura tal-hadid. Nerghu mmorru Wednesday or Thursday u nsib affarijiet ohra neqsin minghajr sgass it-tieni darba, dan ma jistax ikun. Imbaghad ovvjament one plus one equals two, ghidna issa gej il-weekend long weekend, kulhadd bil-long holidays …."*.[53] Kompla jiddeskrivi kif wara lejl meta ma kien gara xejn, imbghad *"kull m'ghamilna f'inqas minn siegha konna qeghdin dorna dawra mall-fabbrika nternament ghax il-fabbrika qeghda fuq hames sulari, u bazikament nisimghu l-bieb jinfetah. Ahna ghamilna pass lura u bazikament rajna lil Charles diehel gol-fabbrika li dahal bic-cavetta, ghax iccekjajna l-bibien kollha kienu maghluqin qabel, … ahna konna fil-parti tal-fabbrika li huwa l-basement, li hemm access zewg bibien.* ***Ovvjament ahna qabel ma konna gewwa ccekjajna l-bibien kollha li huma maghluqin, u ovvjament konna qisu approximately 15 u 20 meters il'boghod minn mall-bieb….. baqa' diehel gol-fabbrika over 15 to 20 meters jigifieri wasal f'nofs il-fabbrika relax daqs hassa****. Ghidtlu x'gara? X'hin rana ma' wiccu qalilna waqawlkom in-nies."*[54]

Fuq domanda tad-difiza jaghti twegiba li xxejjen l-verzjoni tal-imputat li dan sema' ghajjat u beda jsejjah biex jara garax xi haga billi semplicement xiref rasu minn mal-bieb. Filfatt Farrugia jghid li ma semghu jghid xejn u altru li ma kienx baqa' hdejn il-bieb kemm xiref rasu izda baqa' diehel gewwa l-fabbrika: *"Baqa' diehel u gie hdejna. Jigifieri x'hin rana x'hin dahal ezempju five meters, rana 15 meters away, u baqa' gej hdejna, jigifieri wasal relax, dik l'iktar haga li mpressjonatni. Issa ha nispjegalek. Dan gie hdejna, qalilna waqawlkom in-nies. Ghidtlu 'skuzani l-ewwel net kif dhalt hawn gew, ghidtlu u m'ghandi l'ebda' nies hawn gew.'"*.[55] Stranament spjega li lanqas deher mahsud filwaqt li kkonferma li missieru kien armat u hareg il-pistola *"Urihielu mhux ippuntaha lejh le. Mhux ippuntaha lejh."*.[56]

---

[52] Fol.200
[53] Fol.202
[54] Fol.204-205
[55] Fol.206
[56] Fol.207

Daniel Farrugia spjega f'dettal li l-imputat qallhom li kien ser jurihom fejn waqghu n-nies u beda miexi *"relax"* izda malli hareg *"telaq jigri"*. Izid *"Hrigna mill-bieb ezatt tal-fabbrika li ghadna fi propjeta' taghna biex inkunu cari jigifieri fil-bitha tal-fabbrika tal-propjeta' taghna, qalilna hawnhekk waqghu n-nies u beda' miexi. Ghidtlu cempel lil pulizija lil missieri.* ***X'hin ghidtlu lil missieri cempel lil pulizija dan hareg turnavit****, lil missieri ghidtlu ersaq lura ghax ghandu turnavit fil-but, ghax kellu boiler suit u turnavit ahmar jidher car jispikka. Ghidtlu ersaq lura lil missieri. Hu baqa' relaxed u x'hin ghidtlu cempel lil pulizija dan qabad it-turnavit u dar fuqna. Jien kelli l-injama f'idejja u ddefendejt lili nnifsi….. jien ghidtlu biex jieqaf u jibqa' hemmhekk, hu x'hin dar bit-turnavit iddefendejt lili nnifsi, baqa' jitkaxkar….. Baqa' jitkaxkar hamsa u hamsin metru r-rampa kollha tal-fabbrika biex jerga' jaqbez gate ta' zewg metri u nofs, u jien bdejt nghidlu ieqaf, ieqaf, ieqaf, ieqaf, u baqa' jirrezisti all the way. Sahansitra neza l-boiler suit kollha, bit-turnavit mall-art, biz-zarbun mall-art baqa' jitkaxkar all the way. Jien ippruvajna nzommuh ahna hemmhekk, jien iddefendejt lili nnifsi b'injama, bqajt inzommu hemmhekk biex jibqa' hemmhekk.."*[57]

Illi **Louis Farrugia** xehed kif madwar xahar qabel l-incident meta ra lill-imputat, kien mar il-fabbrika tieghu ma ibnu Daniel peress li kienet maghluqa ghal sentejn u minn zmien ghal zmien kienu jmorru jiccekjawha, u sabu li din kienet giet misruqa. Ghalhekk gie deciz li ssir l-ghassa u niezlu fil-basement tal-fabbrika li fiha zewg sulari. *"U ahna u qeghdin induru hekk il-fabbrika xi s-siegha, s-siegha u nofs ta' wara nofsinhar, nisimghu bieb jinfetah click click….* ***U naraw lil dan Charles Spiteri diehel b'dik ic-certa arja qisu diehel ghand nanntu****. Fhimt? U ghidtlu inti kif dhalt hawn?.... Affaccjajnieh qisu minn hawn u l-hajt hekk. Fil-fabbrika l-basement. Baqa' ccassat hekk u qalilna mela mhux qed tisimghuh jghajat? Weggalkom xi hadd. Weggalkom xi hadd. Ghidtlu m'hawn hadd ahna biss hawn, u inti kif taf ghidtlu inti kif dhalt hawn gew ergajt jien. Imxi ha nurikom, imxi ha nurikom. U pponta hekk il'barra. Ghidt issa jekk jitlaq barra t-triq mhux ha nzommu, m'ghandix dritt inzommu. Kif konna tilghin it-telgha tal-exit tal-fabbrika ghal got-triq ghidtlu ieqaf hawn, ghax jien cempilt 112 mall-ewwel. U gew mall-ewwel taghkom lanqas hames minuti. Htaftu minn dahru hekk ghidtlu ieqaf hawn ghax gejjin il-pulizija. Kellu turnavit bil-but tal-overall u dahar ghalija biex itini daqqa bit-turnavit. Fil-pront it-tifel tieghi kien warajja u ddefendini tah daqqa ta' njama."*[58]

---

[57] Fol.208

[58] Fol.176-177

Ix-xhud semma x'kien naqas mill-fabbrika *"Skrivaniji, desks, il-lighting tas-soffetti qalawhom kollha, qalaw il-cameras kollha, sat-tarag tal-istainless steel tal-ufficju qalaw kien ippreparat fejn il-bieb ta' barra biex johduh. Voldieri dan ma kienx wahdu. Dawn affarijiet tqal li hu jmur izarma bil-kumdita' tieghu mbaghad icempel lil min ghandu jcempel u jigu jghabbu. U ndunajna ghax kif dahal il-fabbrika, jien gieli naghmel ir-ronda l-fabbrika, imma jien m'ghandix ic-cwievet taz-zewg fabbriki li ghandi ta' kullimkien, allura jekk nghaddi minn wara bieb nara l'bieb bil-katnazz mhux ha noqghod nghid dak tieghi jew mhux tieghi l-katnazz bidluh. Imma qata l-katnazz, pogga katnazz bhal ma kellna ahna ezatti tieghu, u jidhol u johrog x'hin jghogbu."*[59]

In kontro-ezami kkonferma li qabel is-serqa l-fabbrika kienet ilha xhur maghluqa. L-unici persuni bi cwievet kienu hu, ibnu w s-segretarja izda l-ebda impjegat ma kellu cwievet.[60] Innega li pponta l-pistola ma wicc Spiteri jew li anke hareg il-pistola ghalkemm wara jikkoncedi li seta' harigha u ra.[61] Farrugia cahad li ibnu mill-ewwel aggredixxa lil Spiteri *"l-fabbrika twila ghandek qisu xi mitejn pass ir-rampa tal-fabbrika, ghidtlu ieqaf ghax gejjin il-pulizija, ieqaf ghax gejjin il-pulizija, mbaghad ghidt issa jekk johrogli barra t-triq I've got no right on him, u htaftu minn spaltu hekk ghidtlu ieqaf gejjin il-pulizija. Kellu t-turnavit fil-but tal-overall u dar fuqi hekk xejjirli wahda hekk. Kif xejjirli dak hekk jien baxxejt u t-tifel kien pront kellu njama f'idejh u tah daqqa go rasu…. tah daqtejn imbaghad ghidltu oqghod hemm ghax gejjin il-pulizija, mbaghad mar fejn il-gate."*[62] Cahad ukoll li tant ibnu beda jsawwat lil Spiteri li waqqfu biex ma jmurx joqtlu *"It-tifel tah daqqa u kien ha jerga jxejjirlu, mbaghad imbuttajt lit-tifel l'hemm ghidtlu ieqaf mhux diga' tajtu, ieqaf….. Ma ntilifx minn sensieh ghax kien qed ikellimna fl-art, beda jaghmilli waqfu t-tifel waqfu t-tifel thallihx isawwatni, thalliehx isawwatni….. tant ma kienx mitluf minn sensieh li neza l-overall u tefgha l-ghodda fl-art li kellu, neza z-zarbun, fhimt, fit-triq…. Neza kollox hemm fin-nofs hemm."*.[63]

Irid jigi sottolinejat li Daniel Farrugia jichad li f'xi hin Louis hataf lil Spiteri minn spalltu *"Mhux veru xejn"*[64] u *"Missieri ma ghamel xejn, missieri*

[59] Fol.178-179
[60] Fol.189
[61] Fol.191-192
[62] Fol.192-193
[63] Fol.193-194
[64] Fol.208

*lura qghad".*[65]Anke fir-rigward tal-pistola Louis jispicca kontradett minn ibnu peress li filwaqt li jipprova jaghti l-impressjoni li l-arma ma harigiex, Daniel hu kategoriku dwar fejn kienet qed tinzamm *"F'idejh".*[66] Jidher li Louis bil-verzjoni moghtija quddiem din il-qorti, tenut kont li kaz fejn jinsab hu akkuzat ghadu *sub-judice*, ma kienx veritjier ghal kollox u l-Qorti tqis hafna iktar attendibbli u kredibbli x-xhieda ta' Daniel.

Illi **Charles Spiteri** ghazel li jixhed u spjega kif kien sab lift ma Reno Zarb u ghaddew minn toroq ta' wara peress li fit-triq tal-moskeja kien qed jinhadem film. Hu kellu appuntament ma persuna jghidulu l-"widow" biex jara jigix ingaggat biex jaghmel xi tikhil.[67] Kif kien miexi sema' oggett jahbat ma' hadid u xi hadd jghajjat. Nizel u kif kien miexi mill-hgieg ra lis-sidien, u baqa' sejjer sakemm dahal minn bieb zghir *"Qbadt dhalt jien u ghidt hawn xi hadd u upp fil-pront johrog wiehed… Jien u diehel ezatt mal-bieb gewwa ezatt x' hin qbizt il-bieb. U fil-pront johrog wiehed qabad pistola u ghamiluli ma' wicci."*[68] Gie mitlub jurihom minn fejn sema' l-ghajjat fil-hin li Louis kien qed icempel lill-pulizija u *"X' hin qbadt il-gate ha ndur mieghu hekk ghax hemm access targa biss kien, tista' tidhol kif trid. X' hin naqbez il-gate nhoss daqqa go rasi qatt ma sturdejt hekk f' hajti, hadt daqqiet ta' bil-mutur u hekk u hadt it-tieni daqqa go rasi u bdejt niezel hekk, bdew jinghalqu ghajnejja u dlam biss bdejt nara"*; id-daqqa giet minn wara.[69] Jghid li kellu fuqu flokk u kazzola u xi haga tal-lunch; zied li qabel ma qala' d-daqqa kien sema tir.[70] Waqt li Daniel beda jtieh u prova jilqa' d-daqqiet b'idejh il-fuq lejn rasu w b'hekk safa b'idu miksura. Spiteri ra quddiemu katnazz fuq hogor tat-tieqa fuq gewwa.

In kontro-ezami jispecifika li hu kien sejjer fuq sett ta' film biex ikahhal postijiet li tul ix-xeni jispiccaw milqutin bil-bombi, izda ma jsemmix ma min kien l-appuntament.[71] Ma jichadx li kien qal lill-ispettur Mercieca li kien sejjer ghac-celebrazzjonijiet tal-Hibs *"Ma nafx issa jew kont stordut stenna minuta. Ghax wara l-operazzjoni hsibtni li qieghed il-Kazin nixrob maghhom ukoll u b' hekk niftakar. Ghax jiena rajthom hergin tal-kazin. Jien*

[65] Fol.210
[66] Fol.207
[67] Fol.252
[68] Fol.254-255
[69] Fol.256
[70] Fol.257-258
[71] Fol.261

*nahseb jew kont stirdut xi haga hekk kont bilfors".*[72] Insista li ra lil Daniel mill-hgiega tal-fabbrika *"Mit-tieqa l-kbira"* u li l-bieb li dahal minnu kien diga mbexxaq *"Mal-bieb ezatt ghajjat ghidt hawn xi hadd ghandu bzonn xi haga, l-ghajnuna ? U hareg bir-revolver kif ghidtlek".*[73] Dwar il-boiler suit jghid li din kienet mormija mal-art u hu qabadha u ghamilha ma rasu biex izomm id-demm. Mill-medical history file esebit jirrizulta li Spiteri kien soffra *"large deep laceration over the occiput…L.forearm; swollen"* u kien gie operat f'idejh.[74]

Illi l-verzjoni tal-imputat ma taghmel l-ebda sens, anzi tirrizenta il-hrejjef, biex jipprova jiggustifika l-presenza tieghu fil-fabbrika. Id-difiza naqset milli tipprova, mqarr remotament, il-linja difensjonali taghha ghal bosta ragunijiet. Naqset milli tipprova sal-grad mistenni minnha il-persuna li maghha kellu appuntament Spiteri; ma gabitx jixhdu lil Reno Zarb li jissemma mill-imputat; lanqas lil dak li Spiteri jirreferi ghalih bhala l-"widow". Fuq ix-xena ma nstabet l-ebda kazzola, l-ebda lunch li jsemmi l-imputat, izda kif jirrizulta mir-relazzjoni ta' PS404 u PC1331, instabu biss zarbun, boiler suit, u <u>tornavit li konvenjentement Spiteri ma jsemmi xejn dwaru</u>. Instab ukoll masking tape fil-boiler suit li certament ma jintuzax ghal tikhil![75]

Ma jaghmel l-ebda sens li jekk Spiteri ra lil Farrugia mill-hgiega tal-fabbrika kif jikkontendi. Din kienet fabbrika kbira li fiha 5 sulari u li fid-deher kienet maghluqa u mitluqa; l-imputat, li jrid jitwemmen li qatt ma kien mar fuq il-post qabel, minflok ma habbat mal-hgieg biex jigbed l-attenzjoni ta' Farrugia tenut kont tal-preokkupazzjoni li jghid li kellu ghal min seta' korra, baqa' sejjer dritt fid-direzzjoni ta' bieb ta' wara, l-boghod mill-ghajn tan-nies. U kif kien jaf b'dan il-bieb Spiteri meta din kienet fabbrika kbira u b'diversi entraturi? Kif iccomba propju bieb fuq in-naha ta' wara tal-fabbrika li s-sidien kienu accertaw rwiehom li kien msakkar qabel ma dahhlu jinhbew? Ghaliex baqa' diehel go propjeta` privata u mexa it-tul ta' madwar 70 metru (tul tar-rampa) minflok mar issejjah ghall-ghajnuna jekk vera inkwieta li xi hadd kien korra? Minn fejn gaba din il-familjarita` ma fabbrika abbundanata maghluqa b'kancell?

---

72 Fol.262
73 Fol.263-264
74 Dok. GS a fol.250
75 Fol.52 u vide ritratt a fol. 78

Il-Qorti nnutat li l-ewwel darba li Spiteri jsemmi l-fatt li lemah lil Farrugia minn tieqa kienet fix-xhieda tieghu. Daniel Farrugia jeskludi li seta' gara dan meta jghid li kienu fil-basement u ghalhekk fl-impossibilita` li hu w missieru kienu jidru minn tieqa sitwata aktar il-fuq fit-triq. Bil-kemm Spiteri ma jittentax jghid li ftakkar li ra lil Farrugia wara li hekk gie suggerit lilu mill-abbli difiza. Anke Louis Farrugia kien spjega li kienu mistohbija f'*"Basement imbghad ghandhek livell minn triq u livell minn triq ohra….fil-lower basement in-naha t'isfel tal-fabbrika."*[76] u *"il-fabbrika qeghda fuq hames sulari"*.[77] Ghalhekk ma seta' kien hemm ebda tieqa li kienet tipprovdi vizzwali ghal basement, fatt iehor li jiskredita l-verzjoni ta' Spiteri. Dan aktar ikompli jigi kkonfermat meta jigu analizzati r-ritratti fejn it-twieqi huma f'gholi konsiderevoli li jipprekludu vizzwali tal-basement![78]

Daqstant iehor il-Qorti hi konvinta li Spiteri ma kien ra xejn il-katnazz fuq it-tieqa ta' gewwa tal-bieb li dahal minnu, imma kien jaf bih precizament peress li kien hu li poggieh hemm wara li acceda ghall-fabbrika billi fetah dak il-bieb. Ghaliex jisforza tant l-imputat biex jikkonvinci l-qorti li ma kienx liebes boiler suit meta zewg xhieda okulari jghidu mod iehor, jekk mhux biex jissostanzja l-verzjoni tieghu li kien fi triqtu jaghmel xoghol ta' tikhil u b'hekk jevita li joffri spjegazzjoni ghaliex kellu jkollu fuqu tornavit li skond Farrugia hargu mill-boiler suit? Il-verzjoni differenti li l-imputat rrakonta lill-ispettur Mercieca meta mitkellem l-isptar minn dik moghtija sussegwentement fl-istqarrija, ukoll tixhet dawl qawwi fuq in-nuqqas ta' kredibbilita` ta' Spiteri. Ghalkemm Spiteri jghid li kien konfuz meta kellem lil Mercieca, PS Ellul li kellmu anke qabel ma gie mitkellem minn Mercieca, iddikjara li ghalkemm l-imputat kien migugh hu kien f'sikktu, tant li anke nfurmah li meta gie aggredit xi hadd spara tir.[79] Il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda ma kkonvinca xejn lil din il-Qorti dwar il-veracita` tal-verzjoni moghtija minnu, fejn it-twegibiet u l-ispjegazzjonijiet tieghu la ghamlu sens u lanqas kellhom mis-sewwa.

Fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** ntqal:[80]

---

[76] Fol.177 u 179
[77] Fol.204
[78] Fol.71
[79] Fol.220-222
[80] Deciza 19 ta' Mejju, 1957, Qorti tal-Appell Kriminali

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:[81]

L-ewwelnett ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[82]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003: *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[83].

Ta min isemmi wkoll li f'dawn il-proceduri l-prosekuzzjoni minbarra li naqset milli tipprova li l-imputat huwa recidiv, naqset ukoll milli tipprova il-valur tal-oggetti li kien hemm fi-fabbrika dakinhar tad-9 ta' Mejju, 2015. Madanakollu mill-faxxikolu fotografiku prezentat fl-inkjesta dwar is-serqa tas-6 ta' Mejju, 2015, jirrizulta ampjament li altru` li fil-fabbrika kien ghad hemm kwantita` ta' oggetti u makkinarju li l-valur taghhom jeccedi sew l-ammont ta' €2,329.37 kif addebitat fl-ewwel akkuza.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis**:[84]

Illi ghar-rigward tal-lanjanza konsegwenzjali li ladarba Francesco Camilleri qatt ma ddepona f' dawn il-proceduri u fid-dawl tal-fatt li minn imkien ma jemergi l-valur tal-oggetti li setghu jinsterqu mill-fond *de quo*, ma jirrizultax l-aggravanti tal-valur, l-appellant ma ghandux ragun ghaliex biex jigi determinat il-valur ta' oggett misruq ma hemmx bzonn jinhatru esperti izda dan jista' jkun determinabbli mill-gudikant tal-fatt mill-esperjenza tal-hajja ghab-bazi tac-cirkostanzi. Umbaghad meta si tratta ta' akkuza ta' tentattiv ta' serq, fejn ma jkun insteraq xejn, aktar u aktar ma tistax issir stima tal-oggetti li kienu setghu jinsterqu. Dan pero' ma jfissirx li b' daqshekk it-tentattiv ghandu jitqies li jkun kaz ta' serq semplici w cioe' minghajr l-aggravanti tal-valur. Il-gudikant tal-fatt ghandu dritt iqis ic-cirkostanzi kollha

---

[81] Il-Pulizija vs Reno Azzopardi, Deciza 02.03.2011 per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna; Appell Kriminali Numru. 308/2010.

[82] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

[83] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

[84] Deciza per Onor. Imhallef Dr. J. Galea Debono nhar il-21 ta' Jannar, 2010; Appell Kriminali Numru. 366/2009

akkompanjanti t-tentattiv tas-serq u bil-buon sens jiddetermina l-valur potenzjali tal-oggetti li setghu insterqu …..

Meta wiehed iqis li l-hallelin f' dan il-kaz hadu l-briga li joqghodu jippjanaw biex isibu post f'zona dizabitata w jattakkawh fid-dawl tax-xemx, bin-nies go fih w armati sa snienhom, wiehed ma ghandux logikament u bil-buon sens jifhem li marru biex jisirqu xi kaxxa suffarni.

Ghalhekk mill-provi akkwiziti din il-Qorti tqis l-ewwel imputazzjoni giet soddisfacentement ippruvata.

Mhux l-istess jista' jinghad ghat-tieni u ghat-tielet imputazzjoni, fejn minkejja li Mercieca jixhed li l-parte leza qalulu li l-imputat kien qallilhom li jekk ma jdahhalx il-pulizija hu kien lest jurihom fejn kienet ir-*res furtiva*,[85] fix-xhieda taghhom Daniel u Louis Farrugia jonqsu milli jsemmu dan il-fatt, u ghaldaqstant in mankanza ta' din ix-xhieda, dak li l-imputat seta' qal, jammonta biss ghall-*hearsay* u jibqa' prova inammissibli.

Ghandu jinghad li l-Qorti ftit ghandha dubbji dwar il-fatt li Spiteri, flimkien ma ohrajn, kien involut pjenament fis-serqa tas-6 ta' Mejju, 2015, u dan tenut kont tal-fatt kif nhar id-9 ta' Mejju, 2015 acceda ghall-fabbrika b'tant familjarita`, kif jiddeskrivu Farrugia, minn dahla li tinstab mistura mill-pubbliku f'parti l-aktar il-gewwa u fuq wara ta' fabbrika maghluqa wara kancell ta' gholi ta' 3 metri! Ghamel dan permezz ta' cavetta u fid-dawl tax-xemx; fuqu kellhu tornavit catt u masking tape - oggetti li ma huma ta' utilita` sabiex jizzarmaw wires li kif jixhdu r-ritratti kienu qed jitqaxxru fuq il-post, u f'liema post anke instabet sikkina. Izda minkejja din il-probabilita` enormi, tibqa' biss probabilita` u xejn aktar, meta fil-kamp penali mhemmx lok ghall-spekulazzjoni.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija** vs **Eleno sive Lino Bezzina** gie deciz:[86]

Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat *'beyond reasonable doubt,'* kif gie deciz fil-kawza **"Pulizija vs Bugeja"**, tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta'

[85] Fol.183

[86] Per Onor. Imhallef Raymond C. Pace, Onor. Imhallef David Scicluna u Onor. Imhallef Joseph R. Micallef; Deciza 24 ta' April, 2003, Att t'Akkuza Numru 10/1994

probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.

Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **"Pulizija vs Peter Ebejer"** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997 qalet illi:-

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz* ***"Miller v. Minister of Pensions"*** *[1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).*

Illi fid-decizjoni taghha **Il-Pulizija vs Lela Ristic** il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet ezami *funditus* dwar dak li jikkostitwixxi prova indizzjarja jew kif ahjar maghrufa circumstantial evidence:[87]

At law the position in Malta relative to circumstantial evidence that can lead to a conviction was analysed in various judgments, including ***Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et*** decided by the Court of Magistrates (Malta) where the main principles were outlined as follows : -

Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.

Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg', fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

---

[87] Deciza 16 ta' Dicembru, 2015 per Onor. Magistrat Dr Aaron M. Bugeja

Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fissitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil', "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Archbold fil-ktieb tieghu Criminal Parctice (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs R (1952) jghid:

"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Emanuel Seisun'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja.....

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li gew investigati a tempo vegine tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti viva voce minn jeddhom hames snin wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta....

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker':

"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the

case, dismiss one version and accept as true the opposing one." Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence:-

(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (*if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another*);

(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;

(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference*);

(d) it has to ensure the continuity of the chain of evidence;

(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt.

Now in this case the clear evidence that shows the accused rummaging among the personal property of the Zammit family is taken from an incident that took place on the 20th June 2014 and not the 23rd May 2014. Can this piece of evidence lead to a presumption of fact in the sense that once the accused was seen rummaging on the 20th June 2014 then it was automatically and solely she who did the same and stole the €2000 on the 23rd May 2014? According to law, it is possible for a presumption of fact to arise from circumstantial evidence. According to Blackstone's **Criminal Practice,**[88] Lord Simon in *DPP v Kilbourne*[89] stated the following : -

The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'
Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.[90]

On the otherhand, according to Mr Justice Joseph Galea Debono in **Il-Pulizija vs James Abela,**[91]5 a presumption of fact :-

"tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti." …..

---

88 2013, F1.18 to F1.27
89 [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.
90 Ara wkoll Exall (1866) 4 F&F 922 at 929 per Pollock CB.
91 Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 11 ta' Lulju, 2002.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizja vs Francis Axiaq, il-Qorti tal-Magistrati (malta) ghamlet riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader**[92] li kienet ccitat lil wara li **Lord Normand** f' **Teper v The Queen** ***[1952] AC 480, 489***:

It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other coexisting circumstances which would weaken or destroythe inference.

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 filkawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fuq dan l-insenjament u fid-dawl tar-rizultanzi processwali ma jistax jinghad li l-provi indizzjarji huma univoci tant li jwasslu lil gudikant ghal dik ic-certezza morali li Spiteri kien awtur jew komplici fis-serqa tas-6 ta' Mejju, 2015. Ma gie ppruvat l-ebda ness bejn l-imputat u s-serqa tas-6 ta' Mejju, 2015; ma rrizultaw l-ebda impronti fuq is-sikkina misjuba jew fuq il-pakketti bi trab abjad li nghad li nstabu fuq ix-xena u li kienu estraneji ghall-post.[93] Lanqas saret il-prova dwar f'hiex kien jikkonsisti l-istess trab abjad, u dan fid-dawl li anke fl-istqarrija minn tieghu Spiteri ammetta li kien juza l-erojina.[94]

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost qed tinstab htija unikament fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni li altru li giet pruvata sal-grad mistenni mill-prosekuzzjoni.

Illi rigward il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, tal-fedina penali xejn felici tal-imputat minn fejn jirrizulta li kemm il-darba Spiteri nghata opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu, jeghleb il-vizzju li hu stess jametti li kellu u jgib ruhu ta' ragel tal-familja bi tlett ulied, [95] izda minflok ghazel jisfrutta dawn l-opportunitajiet, iddecieda li jissokta fil-hajja refrattarja tiehu.

92 Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 9 ta' Gunju, 1998
93 Fol.106C
94 Fol.22
95 Fol.24

Fid-dawl ta' dan kollu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex triq ohra ghajr li timponi piena karcerarja, tul liema zmien Spiteri ser ikun mistenni li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 261(b) u (c); 263, 264, 265, 266, 267, 278(2), 279(b), u 280(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u tilliberah mill-kumplament, tikkundannah ghal sitta w erbghin (46) xahar prigunerija.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga, inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni waqt li qed jiskonta l-piena moghtija lilu.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta'
Malta, qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €147.00 rapprezentanti l-ispejjez peritali relatati mal-ewwel imputazzjoni li taghha Spiteri instab hati.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**